*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: E. Zaera Cuadrado, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Hug AG (Malters, l-Isvizzera) (rappreżentanti: A. Renck u J. Schmitt, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-13 ta' Ġunju 2016 (Każ R 773/2015-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Hug u Galletas Gullón.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Galletas Gullón, SA għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk esposti mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u minn Hug AG.*

(1) ĠU C 383, 17.10.2016.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Novembru 2017 – Acquafarm vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-458/16)** (1)

***("Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Sajd — Programm operazzjonali ffinanzjat mill-Unjoni — Leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tipprojbixxi l-importazzjoni ta' krustaċeji li ġejjin mill-Awstralja — Ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li tagħti drittijiet lill-individwi — Assenza ta' azzjoni — Aspettattivi leġittimi")***

(2018/C 005/45)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Acquafarm, SL (Huelva, Spanja) (rappreżentant: A. Pérez Moreno, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Arenas, I. Galindo Martín u F. Moro, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu li r-rikorrent allegatament ġarrab wara l-impossibbiltà li jitwettaq proġett ta' akkwakultura li jirrigwarda l-krustaċji mill-Awstralja u li jirċievi kofinanzjament fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006 tal-Kunsill tas-27 ta Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (ĠU 2006, L 223, p. 1), minħabba l-projbizzjoni tal-importazzjoni tal-imsemmija krustaċji konformement mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1251/2005 tat-12 ta' Diċembru 2008 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE fir-rigward tal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom u li jistabbilixxi lista ta' speċi li jgħaddu l-mard (ĠU 2008, L 337, p. 41).

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Acquafarm, SL għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

(1) ĠU C 419, 14.11.2016.